*Il-kritiku jrid igħodd ruħu bħala bniedem għaref li jersqu quddiemu l-awtur u l-qarrej, jitolbuh il-fehma tiegħu dwar biċċa xogħol li ħarġet mill-wieħed u waslet f'idejn l-ieħor. Hu jistħajjel ruħu mħallef u l-fehma tiegħu għandha tkun imnissla minn sens ta' ġustizzja u minn ebda mottiv ieħor.*

*Għalhekk, il-kritika bil-għaqal u bis-sewwa tiswa mhux ftit bħala barometru tal-klima letterarja ta' pajjiżna u, għalhekk ukoll, nixtieqŭ li naraw stampati kotba ta' kritika bil-Malti.*

*Dan l-aħħar, il-Membru Akkademiku Oliver Friggieri ħareġ ktieb ta' kritika letterarja jismu "IR-RUĦ FIL-KELMA" li hu xempju ta' kif imissha tkun il-kritika. F'dan in-numru ta' IL-MALTI qegħdin ukoll nippublikaw studju minn Dr. P. Xuereb li hu mħarreġ tajjeb u jaf xi jgħid sewwa bħala kritiku letterarju.*

*Minn hekk naraw li f'pajjiżna m'aħniex neqsin minn talent għall-kritika letterarja kif imissha tkun. Kulma jeħtieġ hu li nagħrfu dak it-talent, ngħinuh, nagħmlulu l-ħila, u nagħtuh il-ġieh li ħaqqu.*

---

# IT-TISLIMA

### ta' WALLACE PH. GULIA

Fraħt li sellimtli...
Jien lilek ma nafekx —
Naf biss li int bormliż ukoll
u li kont taf tajjeb
lil missieri,
u li lili tiftakarni tifel
miexi ma' missieri.

Minn qalbek it-tislima
xebbaħtha l-ward sabiħ li jiftaħ f'Mejju
wara l-eħtrieq tax-xitwa.
U f'dinja ta' ħbieb w egħdewwa l-iktar ħarxa
li jaħfru ma jafux
lix-xejn li għamiltilhom,
ħadt nifs sabiħ
u rġajt tbissimt tbissimet iż-żgħożija,
dalgħodu f'żernieq Mejju.

2/ii/1973.



# LILU NNIFSU

Hallik mis-Sentiment, mill-Emozzjoni.
Hallik mill-biki u d-dmugħ.
Hallik mill-vrus tal-ħdax, tas-sebgħa u l-bqija,
mill-moħħ mixgħul u minn tqanqil ir-ruħ.
Illum il-Poeżija
ma tridx taf b'jasar —
b'jasar il-qjies u l-kejl tal-Prosodija.
Jeħtieġ tkun ħielsa —
ħielsa minn kull irbit,
bħal xebba mqarba u wiċċha sfiq għaddejja
mit-toroq ta' l-ibliet u ta' l-irħula
aktar imnażżgħa milli liebsa — għall-ħajr.

Illum żmien ieħor: żmien id-drogi u l-orġji —
l-orġji sesswali — l-erotiżmu, in-naxra
ta' laħam it-tfajliet w oħrajn miżżewġa
f'idejn żgħażagħ u rġiel bla ruħ, qattiela,
fosthom Charles Manson, Richard Speck w oħrajn...
Le, le, tibqax irsir
ta' dak li kien ilbieraħ u llum għadda
għax tbiddlu ż-żminijiet u niesna magħhom.
L-irbit xi tridu? Ma jgħinekx. Ixekklek.
Tkun qisek ngħalaqt f'ħabs ġo ċella waħdek:
la tgħanni ma tkun tista', anqas ittir.

Isma' minni: tkunx ħmar.
Biex idaħħluk fix-Xirka tal-Moderni,
taf x'għandek tagħmel? Aqbad ħaġra kbira
u ras il-Għanja tinten pesta tiegħek
isħaqha biha — agħmilha frak u żrar.
Itlaqha wkoll, m'għandekx xi tridha r-Rima.
Il-Metrika spiċċat: għodda qadima.

Għidli ħaġa, ħabib, inti l-gazzetti
ma taqrahomx, jewwilla !
Ma tafx li llum m'għadux żmien il-bużnanna?
li għadda żmien l-insiġ bin-newl? li għosfru
l-imtieħen kbar ta' żmien Miguel Cervantes,
u hekk ukoll il-kwiener u l-imriewaħ
li n-nisa bihom kienu jrewwħu n-nar,
huma u jdawwru nkaljatur bl-id l-oħra
li fih kien ikun hemm ċiċri u kafe'?
Kemm se ndum ngħidlek u 'ntambarlek, ruħi,
li llum kollox inbidel
u nqaleb ta' taħt fuq?